MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2015

Mandat Numru. 811/2014/1

**Dottor Godfrey Azzopardi (karta ta' identita' numru 525883M) u Michael Azzopardi (karta ta' identita' numru 581057M) fil-kwalita' tieghu ta' prokuratur specjali u ghan nom u in rapprezentanza tal-assenti Dr. Kelvin Cortis (karta ta' identita' numru 541483M) u Ingrid Cortis (karta ta' identita' numru 181283M)**

**Vs**

**Issa Isslam Tawfik (karta ta' identita' numru 20380A)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti tat-30 ta'Mejju 2014 li jaqra hekk:

*"Illi l-esponenti sabiex jikkawtela l-kreditu hawn that imsemmi kontra l-intimat, umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti li tordna il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat sabiex jinzamm milli jbiegh inehhi jitrasferixxi jew jiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruz*

*jew gratwitu xi proprjeta' jew b'xi mod johloq piz jew drittijiet reali u jew personali fuq xi proprjeta' u b'mod partikolari,*

*L-appartament internament numerat tlieta (3) jinsab fit-tieni sular(second floor) jifforma parti minn blokk ta' erba' appartamenti minghajr numru ufficcjali maghruf bhala "Buontempo Flats", fi triq originarjament bla isem li taghti ghal Hal Balzan Valley f'Hal Balzan, liema appartament jinsab fuq ix-xellug mill-faccata sovrastanti beni ta' terzi bid-drittijiet u pertinenzi kollha tieghu u flimkien mal-kwart indiviz tal-partijiet komuni fl-imsemmi blokk ta' appartamenti u nofs indiviz tal-bejt li jinsab fuq l-imsemmi appartament, u bil-washroom ta' kejl ta' circa hamsa u tletin metri kwadri u accessibbli mill-imsemmija partijiet komuni, u li dan il-bejt jikkonfina mill-irjieh kollha ma' beni ta' Devicon Limited jew aventi kawza minnha. L-imsemmi blokk fejn jinsab l-appartament jikkonfina mill-Lbic, Tramuntana u Xlokk ma triq gdida bla isem li tisbokka f'Wied Hal Balzan jew irjieh verjuri.*

*Dan l-appartament jappartjeni lil:-*

*Issa Isslam Tawfik (karta ta' identita numru 20380A) kuntrattur iben Tawfik sive Tawfik Issa u Amina sive Amna nee' Husseini, imwieled il-Kajr jew Lixandra, Egittu fil-25 ta'Novembru 1969 u residenti Hal Balzan Malta.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' Inibizzjoni in kwistjoni kontra l-intimat.*

*Kreditu : Is-somma ta' Eur 32,688.00*

*Titolu: dovuti bhala rifuzjoni ta' flus imhallsa mir-rikorrenti lill-intimat ghal xoghol ta' tikhil u tibjid fuq proprjeta' taghhom xoghol li sar b'mod difettuz mhux skond is-sengha u l-arti kawza ghal hlas dedotta b'rikors guramentat fl-istess ismijiet premessi numru 447/2014 AE"*

Rat id-digriet taghha tat-30 ta'Mejju 2014 illi bih laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, u ordnat in-notifika tal-atti lill-kontro parti u appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-udjenza tal-Hamis 12 ta' Gunju 2014 fin-12:45pm.

Rat illi l-atti tar-rikors u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimat skond il-ligi;

Rat illi l-intimat gie notifikat permezz tal-publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern (vide Dok. RT3 a fol. 83 et seq) u f'Gazzetta Lokali (vide Dok. RT1 a fol. 46) liema gazetta ggib id-data tal-15 ta'Dicembru 2014;

Rat illi cio` nonostante l-intimat ma pprezenta ebda risposta;

Rat il-verbali tal-udjenzi tas-16 ta'Dicembru 2014 u tat-8 ta'Jannar 2015 illi fihom l-intimat naqas li jidher;

Rat l-Art.873 sa l-Art.877 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta;

Qieset ir-ragunijiet li wasslu lir-rikorrenti sabiex jressaqu dan il-procediment;

Qieset illi dawk ir-ragunijiet kienu konfermati bil-gurament minn Dr. Robert Tufigno;

Qieset illi r-ragunijiet li wasslu lir-rikorrenti biex jaghmlu t-talba taghhom mhumiex kontradetti;

Billi jissussistu r-rekwiziti tal-Art. 873 tal-Kap. 12 ghall-hrug tal-Mandat;

Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tilqa` t-talba tar-rikorrenti kif dedotta. Konsegwentement qeghda tordna l-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni kontra l-intimat fit-termini mitluba mir- rikorrenti. Tordna lill-intimat sabiex jhallas l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment.

In oltre ai termini ta' Artikolu 874 (3) tal-Kapitolu 12, il-Qorti qedgha tinnomina lin-Nutar Dr. Maria Spiteri, a spejjez tar-rikorrenti, sabiex l-istess Nutar, fi zmien erbgha u ghoxrin (24) siegha, tinnotifika lid-Direttur tar-Registru Pubbiku u lir-Registratur tal-Artijiet bl-atti ta' dan il-Mandat t'Inibizzjoni;

Moghti kameralment illum il-Hamis 15 ta' Jannar 2015.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------